MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 31/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Cassar)**
**Vs**
**Marvin Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. nhar l-4 ta' Frar 2007, bejn il-hamsa u d-disgha u nofs ta' fil-ghaxija, f'Santa Venera, ikkommetta serq mill-fond St Mary Flats, Flat 3, Triq is- Soll, ghad-dannu ta' John Borg, u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), bil-mezz, bil-lok u kif ukoll bil-hin;
2. fl-istess jum, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex

ibieghhom jew imexxiehom, liema hwejjeg gew minn serq ikkwalifikat bil- valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. fl-istess data, hin, lok u cirksotanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, u/jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' John Borg, u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50.00);

4. talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 261(a), 261(b), 261(c), 261(e) u 261(f), 262(1)(a), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 276, 276(A), 277, 278, 279, 280, 281, 289, 334(a), 325(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni w ikkundannatu terminu ta' prigunerija ta' tlitt (3) snin.
Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni w tirrevokaka f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u kkundannatu ghal tlett snin prigunerija w konsegwentement tilliberah minn dawn il-tlett imputazzjonijiet u mit-tlett snin prigunerija w, f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. Fit-30 t' Awwissu, 2007, l-Avukat Generali ddecieda skond l-artikolu 370 (3) (a) tal-Kodici Kriminali, li jibghat lill-appellant biex jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, pero' fl-istess ghazla l-Avukat Generali talab biex jinstemghu numru ta' xhieda qabel ma l-imputat iwiegeb u jaghzel jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jkun trattat bi procedura sommarja skond l-art. 370 (3) (f). Din il-procedura pero' ma gietx segwita mill-Ewwel Qorti. Wara li nstemghu xi xhieda l-imputat gie mistoqsi jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstemgha bil-procedura sommarja w l-imputat wiegeb li ma kellux. Imma wara, minnflok li l-Ewwel Qorti ghaddiet ghall-istadju tad-difiza, kompliet tisma' x-xhieda mitluba w indikati mill-Avukat Generali. Ghalhekk il-procedura uzata mill-Ewwel Qoirti kienet nulla w bla effett. 2. Il-process verbal esebit ma hux iffirmat mill-Magistrat Istruttur u ghalhekk ma giex rispettat il-vot tal-ligi fl-art. 396. Ghalhekk dan id-dokument ma setax jigi meqjus biex tinstab htija fl-appellant. 3. L-argument tal-Ewwel Qorti dwar kif l-akkuzat ma wegibx ghal certi domandi fl-istqarrija tieghu hu perikoluz u ma setax isir, in vista tad-dritt tas-silenzju protett mill-Kostituzzjoni w li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova w li l-imputat ma ghandu obbligu li jipprova xejn. Fil-ligi taghna ma hemm ir-*rules of inference*. 4 Li d-dokumenti MZ 3 u MZ 4 esebiti fit-18 ta' Lulju, 2007, ma ghandhom ebda konnessjoni mall-kawza odjerna w s-sentenza tat-18 t' April, 2007, kienet f' kawza li kienet ghadha *sub judice* ghax sar appell minnha. 5. Li s-sejbien ta' htija tal-appellant kien bazat fuq *finger pr*ints li nstabu fuq hgiega fuq is-sodda tal-kamra tas-sodda principali u din il-prova wahedha mhux bizzejjed sabiex il-prosekuzzjoni tilhaq il-grad tal-prova *beyond reasonable doubt,* specjalment meta l-appellant ta spjegazzjoni bil-gurament tieghu kif kien jidhol fil-fond *de quo* fi zmien meta kellu relazzjoni ma bint id-derubati. 6. Li l-appellant ma setax jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva stante li tali prova saret fi stadju meta ma setghetx issir. 7. Bla pregudizzju ghas-suesport, il-piena hija wahda eccessiva zzejjed.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-Ewwel aggravju li hu dirimenti f' kaz li jigi milqugh ghax jimporta in-nullita' tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, jigi osservat is-segwenti. Meta l-Avukat Generali fit-30 t' Awwissu, 2007, baghat in-Nota ta' rinviju ghall-gudizzju bl-artikoli tal-ligi li tahthom setghet tinstab htija, kien irrizerva espressament li **qabel** ma l-Qorti Istruttorja tistaqsi lill-appellant jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, dik il-Qorti kellha, skond kif jipprovdi l-art. 370 (3) (f) tal-Kodici Kriminali, tisma lill-ufficjal prosekutur sabiex jipprezenta l-provi finali tar-recidiva, lill-Ispettur Carmelo Magri, l-Ispettur Nezren Grixti, PC 263 Harmsworth, l-espert Dr. Patrick Valentino, PC 644 E. Camilleri, PC 186 C. Mintoff, Joseph Mallia, Joseph Borg, Carmen Borg u Annelise Borg kif ukoll kull prova ohra li l-Pulizija jidhrilha li kellha tressaq. (Fol. 118).

Gara li fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Istruttorja fis-6 ta' Settembru, 2007, kif jidher mill-verbali (Fol. 119), wara li xehdu biss PS 644 Camilleri u PC 186 Mintoff konguntivament, l-Ispettur Carmelo Magri, John Borg, Rylene Borg u Carmen Borg (Fol. 139 et seq. - ghalkemm din ma tnizzilx isimha fil-prime note), gie verbalizzat li nqraw l-artikoli w li l-imputat ghazel illi l-kawza tieghu tigi deciza sommarjament minn dik il-Qorti. Il-kawza mbaghad giet differita ghas-27 ta' Settembru, 2007.

Gara li fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2007, il-prosekutur esebixxa zewg sentenzi fil-konfront tal-imputat appellant (Dok. RC3 u RC4), xehdet l-Ispettur Marisa Camilleri u l-Ispettur Martin Sammut u d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhieda tal-istqarrija w cioe' lil PS 263. Il-kawza giet differita ghall-25 t' Ottubru, 2007 . (Fol. 152)

Mill-verbal li jinsab a fol. 168, li prezumibbilment jirriferi ghas-seduta tal-25 t' Ottubru, 2007 (ghax it-traskrizzjoni tal-verbali tal-prime note ma ggibx data), jidher li xehedu Joseph Mallia, l-Ispettur Nezren Grixti, Joseph Lewis, u Dr. Patrick Valentino, pero' t-traskrizzjoni ta' dawn ix-xhieda ma tinstab imkien fil-process. Hawn il-prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet il-provi w gie verbalizzat testwalment hekk :-

*"Id-difiza titlob (Sic!) li l-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tinstema' sommarjament minn din il-Qorti."*

Umbaghad id-difiza ghaddiet biex taghmel talba biex jigu varjati l-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, talba li giet milqugha b' diversi kondizzjonijiet. Il-kawza mbaghad giet differita ghall-provi tad-difiza ghat-22 ta' Novembru, 2007. Fit-22 ta' Novembru, 2007, deher l-imputat assistit minn Dr. Chris Busietta izda ma sar xejn u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Dicembru, 2007, meta xehed l-appellant u l-kawza giet differita ghall-20 ta' Dicembru, 2007 ghat-trattazzjoni u sentenza. F' dik id-data pero' ma sar xejn u l-kawza giet trattata fis-17 ta' Jannar, 2008 u thalliet ghall-24 ta' Jannar, 2008 ghas-sentenza, meta l-kawza effettivament giet deciza.

Minn dan ir-ri-epilogu tal-*"iter"* processwali jidher car li ma gietx segwita l-ordni procedurali li kien indika l-Avukat Generali w li xehdu diversi xhieda tal-prosekuzzjoni wara li nqraw l-artikoli w wara li l-imputat kien iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati.

Ikkonsidrat;

Illi fit-tieni aggravju tieghu l-appellant qed jitlob l-isfilz tal-process verbal ghax ma giex iffirmat mill-Magistrat tal-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti ezaminat il-process verbal u x-xhieda w dokumenti mieghu annessi w rat li ghalkemm fuq kull faccata hemm inizjali/firma tal-Magistrat Dr. Miriam Hayman li kkonduciet l-inkjesta magisterjali, dawn l-atti ma gewx kontro-firmat mill-Magistrat Dr.Antonio Vella

li kkonduca l-Istruttorja wara li saret il-prezentata bl-arrest quddiem il-Magistrat Dr. Edwina Grima.

Illi l-artikolu 395 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-ezami tax-xhieda u tal-imputat ghandu jigi iffirmat mill-Magistrat u l-artikolu 396 jghid li kull dokument migjub matul il-kompilazzjoni ghandu jigi kontro-firmat mill-magistrat u li notament ta' din il-produzzjoni ghandu jitnizzel fuq id-dokument stess mir-registratur jew mill-ufficjal li jaghmel floku.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan jikkostitwixxi nuqqas ta' formalita' procedurali sostanzjali li jintitola lill-Qorti tal-Appell li thassar is-sentenza w tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu, a tenur tat-tieni parti tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.

Illi pero' hemm ragunijiet ohra ghala din il-Qorti ma tistax taghmel dan, apparti li ma tkunx trid tippriva lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*. Di fatti, kif gja gie accennat, minkejja li a fol. 168 gie verbalizzat li kienu xehdu Joseph Malia, l-Ispettur Nezren Grixti, Joseph Lewis u l-Avukat Dottor Patrick Valentino, imkien fil-process ma tinstab it-traskrizzjoni tax-xiehda taghhom u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tkun taf x' xehdu.

Illi lanqas ma jirrizulta li l-Ewwel Qorti kienet ikkonfermat lill-esperti nominati fl-inkjesta qabel ma dawn xehdu quddiemha.

Dawn in-nuqqasijiet separatament u kumulattivament ghandhom iwasslu ghan-nullita tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti w ergo tas-sentenza appellata skond l-artikolu 428 (3) fuq citat minnhabba nuqqasijiet ta' formalitajiet sostanzjali li trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tiddikjara l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti w konsegwentement is-sentenza appellata nulli w bla effett u, ghar-ragunijiet fuq esposti, qed tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti bhala Qorti Istruttorja sabiex isir kollox skond il-ligi w ghal dan il-ghan l-imputat ghandu jitpogga fl-istat li

kien fl-24 ta' Lulju, 2007, meta l-Avukat Generali pprezenta n-Nota li biha a tenur tal-artikolu 569 (4) tal-Kodici Kriminali esebixxa l-process verbal numru 749/07 redatt mil-Magistrat Dottor Miriam Hayman u maghluq fl-20 ta' Lulju, 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------